**13 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joyce Sarè

*versus*

Francesco Saverio Sarè

**Dota — Min għandu dritt għaliha — Min hu obligat iħallasha — Art 33(a) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-ulied għandhom dritt jitolbu dota kontra l-missier prinċipalment, u in sussidju kontra l-omm, kif ukoll kontra l-axxendent patern, u fl-aħħar kontra l-axxendent matern.*

*Dan id-dritt jikkompeti lill-ulied bniet biss; it-tfal subien ma għandhomx dan id-dritt.*

*Ukoll, dan id-dritt jikkompeti lit-tfal bniet li jkunu leġittimi biss, u mhux ukoll lil dawk li huma illeġittimi; u huwa suġġett għall-kondizzjoni illi t-tifla ma jkollhiex beni tagħha proprji li bihom tista' tiddota ruħa.*

*Id-dota trid tkun kongruwa, jiġifieri xierqa u proporzjonata għall-mezzi tal-obligat; b'mod illi jekk it-tifla jkollha mezzi minn tagħha li ma jkunux suffiċjenti, hija għandha dritt għal supplement. U għall-finijiet tal-kalkolu tad-dota għandhom jitqiesu, mhux ir-renditi tal-obbligat, iżda s-sustanzi tal-patrimonju tiegħu.*

*Jekk id-dotant ikun ipprometta d-dota u jkun obliga ruħu li jipprestaha, huwa tenut li jħallasha avvolja t-tifla jkollha biex tiddota ruħha minn tagħha; imma f'dan il-każ l-obligu tiegħu jidderiva mill-obligazzjoni minnu assunta, u mhux "ex lege".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attriċi hija t-tifla tal-konvenut; u peress illi l-attriċi waslet biex tiżżewweġ u ma għandhiex mezzi biżżejjed biex tiddota ruħha bihom; u peress li l-konvenut għandu l-mezzi biex jiddotaha u l-

attriċi ma tistgħax tiżżewweġ minħabba nuqqas tad-dota; talbet li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attriċi bħala dota dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, prevja, okkorrendo, il-likwidazzjoni talammont spettanti lill-attriċi bħala dota. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi, bħala tifla leġittima u naturali tal-konvenut, avanzat it-talba odjerna sabiex tkun dotata, il-għaliex waslet biex tingħaqad fi żwieġ, skond u in forza tal-art. 33(a) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-liġi tagħna, a differenza ta' liġijiet oħra li kkunsidraw id-dotazzjoni bħala sempliċi obligu morali (ara Kod. Ċiv. Taljan tal-1865, art. 147, u Kod. Ċivili Franċiż, art. 204), tammetti lit-tfal bniet biss jitolbu d-dota prinċipalment kontra l-missier, u in sussidju kontra l-omm, kif ukoll kontra l-axxendent patern, u fl-aħħar kontra l-axxendent matern, meta huma (it-tfal bniet) ma jkunux suffiċjentement dotati bi proprjetà tagħhom partikulari. It-tfal subien ma għandhox dan l-istess dritt;

Id-dispost "ad hoc", li fuqu qegħdin nitkelmu, jixħet l-għeruq tiegħu u huwa radikat fid-Dritt anterjuri u fid-Dritt komuni (ara Kodiċi Muniċipali, Liber III, C. 2, §6; u L. 19 Dig. "de ritu nupt."; L. unica Codex "de dot. promis.; L. 14 Codex "de jure dot.", fejn jingħad li "omnino paternum esse officium dotem dare"). Anki d-dottrina ssostni l-istess prinċipju, imma ssostni li dan id-dritt jikkompeti biss lit-tfal bniet li jkunu leġittimi u naturali, b'esklużjoni tal-bniet illeġittimi (ara Voet, Codex Ad Pandectas Liber 23 Tit. 3, no. 13). Del resto, dan huwa konfermat mill-prinċipji u massimi legali, tant li dwar it-tfal illeġittimi jingħad li "filii extra matrimonium nec gentem nec familiam habent";

Illi, apparti l-kondizzjoni ġenerali li t-tfal bniet, sabiex ikunu jistgħu jitolbu dan id-dritt, iridu jkunu leġittimi u naturali, il-liġi tapponi u timponi kondizzjoni speċ-

jali, u ċjoè dik li t-tifla li tkun trid tiġi dotata trid tkun mhux suffiċjentement provvduta minn beni propriji. Dan ma jeskludix, però, bint li jkollha beni a suffiċjenza, jew li tkun sinjura jew relattivament sinjura, ma tkunx tista' titlob id-dota, jekk min huwa naturalment u legalment obligat ikun assuma l-obligazzjoni li jagħtiha d-dota; imma dan pjuttost isir u jkun tenut in vista tal-obligazzjoni assunta, u mhux "ex lege" (ara P.A. Ċivili 29 ta' Jannar 1894 in re "Micallef utrinque", Vol. XIV, paġ. 43, Kolonna 1ma. u Kolonna 2da.). Din l-obbligazzjoni tista' tiġi assunta miż-żewġ ġenituri, non ostanti li l-liġi, fin-nuqqas ta' vinkolu obligatorju, tindika ordni ta' responsabbiltà u obligu "in subjecta materia" (ara P'Awla Ċivili 7 ta' Ottubru 1898, "Grech vs. Zammit", Vol. XVI-II-312 in fine);

Illi huwa ta' min jgħid li d-dota għandha tkun xierqa ("congrua") u proporzjonata għall-mezzi tal-obligat, u trid tiġi, in bażi għal dawn l-istess mezzi determinata (Prim'Awla Ċivili, 23 ta' Ġunju 1933, "Maria Speranza Deguara vs. Carmelo Palmier et." Vol. XXVIII-I-435); u ġie anki sostnut ġudizzjarjament illi d-dota li tingħata littifla għas-sostentament taż-żwieġ tagħha ma għandhiex tiġi kostitwita fuq ir-renditi, iżda għandha tiġi kostitwita fuq is-sustanzi tal-patrimonju patern, jew ta' dak li jkun irid u huwa obligat jiddota: il-għaliex mhix ħaġa ġusta li t-tifla għandha tibqa' mingħajr dota a benefiċċju tal-kredituri tal-ġenituri tagħha u dawk obligati li bl-akkumulament tal-interessi u l-kostituzzjonijiet ta' passivitajiet oħra jkunu jistgħu gradatament jassorbixxu l-patrimonju tal-istess ġenituri; u din il-Qorti żżid, ta' min ikun obligat "ex lege" (ara Prim'Awla Ċivili 28 ta' Mejju 1880, "Annunziata Mangion mart Francesco Camilleri vs. Giovanni u Giovanna miżżewġin Mangion", Vol. IX, paġ. 156 u 157);

Ikkunsidrat;

Illi, premess dak li fuq intqal, u li jista' iservi għallprinċipji legali regolaturi konnessi mal-materja in diskussjoni jingħad li fil-każ in diżamina ma hemmx kwistjoni li l-attriċi hija tifla leġittima u naturali tal-konvenut: u l-kwistjoni li ġiet proposta għall-eżami u determinazzjoni ta' din il-Qorti hija dik li l-konvenut ma għandux mezzi

suffiċjenti sabiex jadempixxi d-dmir li għalieh legalment huwa tenut, u li l-attriċi għandha mezzi tagħha suffiċjenti sabiex tiddota ruħha;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li l-attriċi taħdem u ilha hekk tagħmel biex taqla l-flus ma huwiex "di per sè" suffiċjenti biex "a priori" t-talba tagħha tiġi minnufih skalzata. Infatti, jekk dak li qalgħet in parti nefqitu għall-bżonnijiet tagħha, u xi parti faddlitu, wieħed irid jara jekk dak li faddlet jistgħax jingħad li jikkostitwixxi patrimonju tagħha personali suffiċjenti sabiex jagħmel tajjeb għad-dota tagħha di fronti għall-mezzi patrimonjali tal-konvenut. Infatti, jekk jagħmel tajjeb u jippreżenta dota xierqa, l-azzjoni attriċi tista' tiġi newtralizzata; jekk fil-fatt ma jagħmelx tajjeb għal dak it-test, l-attriċi għandha d-dritt tas-supplement mill-patrimonju ta' missierha u skond il-forzi finanzjarji tiegħu. Dawn il-forzi għandhom jiġu kalkulati fuq il-bażi tas-sustanzi patrimonjali tal-missier, li huwa f'dan il-każ konvenut għall-ħlas tad-dota;

Ikkunsidrat;

Illi mill-istess konvenut jirriżulta li huwa għandu in proprjetà . . . . .

Għalhekk, taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess attriċi bħala supplement, l-ammont ta' mija u għoxrin lira (£120). Bl-ispejjeż għall-istess konvenut.